# L-INGILTERRA GĦAD TIRBAĦ....

Dawn huma żmenijiet bil-wisq koroh, meta l-waħx tal-gwerra qiegħed il-ħin kollu jhedded lil Malta. Qatt, minn mijiet ta' snin 'il hawn, ma ħassejna l-gwerra daqshekk wara biebna. Qatt daqs dawn iż-żmenijiet ma għaddiet fuqna l-id ta' mewt qerrieda. Imma aħna, kburin li ninsabu taħt il-ħarsien ta' Nazzjon kbira, dejjem nittamaw li flimkien mad-dinja kollha,neħilsu mid-dwiefer ta' l-egħdewwa li qed ifittxu li jeqirdulna ċ-ċiviltà kattolika u l-libertajiet li dejjem sibna taħt il-bandiera Ingliża. Rebħa lill-Ingilterra tkun rebħa lil Malta, jiġifieri rebħa għall-idijal nobbli u sabiħ ta' ħelsien u ta' mħabba.

Tajjeb wieħed iżomm f'moħħu li l-Ingilterra, u magħha kull pajjiż ċivilizzat li qed jagħtiha kull għajnuna li jista', daħlet fi gwerra kontra art bla sens ta' ġieħ li, bħal dib imġewwaħ, ħatfet taħt ħakmitha, wieħed wara l-ieħor, kotra ta' pajjiżi iżgħar minnha. U dawn x'ħadu taħt din il-ħakma ġdida? Mewt lill-aħjar, l-aqwa u l-egħref nies li kellhom; serq ta' kull ħaġa li tiswa ftit jew wisq; qerda ta' l-intellet-twaliżmu; jasar, swat u ħqir. Dan li għadda minnu kull pajjiż li messitu x-xorti ħażina jaqa' taħt idejhom.

Nistħajjel xi ħadd jista' jistaqsi: "Ta' min ser tkun ir-rebħa aħħarija?" Jista' jkun ukoll li xi ħadd li ma jħarisx fil-bgħid wisq, xħin jara li l-egħdewwa għadhom qawwija jagħtu l-eħrex daqqiet, jgħaddi minn moħħu xi ħjiel ta' dubju u jibża' li d-Dittatorjat għad jista' jegħleb lid-Demokrazija. L-egħdewwa tassew li jinsabu fl-aqwa tagħhom u, kif igħidu huma, jinsabu xi ftit fuq ir-riħ. L-egħdewwa tassew li jinsabu qawwija. Imma l-qawwa tagħhom tfakkarna fil-bużżieqa tat-tifel ċkejken li, ferħan u hieni, beda jonfoħ b'saħħtu kollha, u aktar ma tikber aktar jonfoħ, sa kemm fl-aħħar, bla ma kien jistennieha, infaqgħet f'idejh. Hekk, bħall-bużżieqa, għad tisfa fix-xejn il-ħolma li fasslu l-egħdewwa ħajnin u qarrieqa....

Ta' min ser tkun ir-rebħa? Min ħadem b'ħiltu kollha sabiex isaltan il-ħaqq, ma jitlef qatt. Min ried il-paċi u l-ħelsien lin-nazzjonijiet kollha, qatt ma jista' jkun li joħroġ



tellief. Qatt ma jaqa' mxewlaħ f'riġlejn l-egħdewwa, min daħal jitqabad sabiex jiddefendi kawża qaddisa, min qed ixerred demmu sabiex jeqred dawk l-egħmejjel koroh ta' ħjiena u ta' ħruxija, u min qiegħed jiġġieled għal Alla u għal art twelidu. L-Ingilterra ma tistax titlef. Il-kawża tagħha hija mwaħħda ma' dik tal-ħaqq u tas-sewwa. Hija l-kawża tan-nazzjonijiet kollha li jħobbu l-paċi. Hi li toħroġ rebbieħa....

ĠUŻÈ CHETCUTI

# IX-XATT T'GĦAWDEX

Lwien kullimkien. Ifeġġ ġo dehra kbira
Il-kampnar twil tal-knisja fuqqanija
Li fuq il-ġmiel ta' dina x-xtajta żgħira
Qed jgħanni mal-ħolqien: Ave Marija.

Taħtu jinfirxu, f'ġirja ftit qasira,
Siġar u djar f'bewset ix-xemx medhija.
Sieket l-irdum fejn xi raħħala fqira
Tilgħab mal-bhejjem tagħha mistoħbija.

Isfel id-dgħajjes, qishom ġfien għal ġlieda,
Qegħdin jistrieħu; iżjed 'l hemm fis-sliema
Tilgħab mal-mewġ id-dgħajjes tas-sajjieda.

U Chambray, ħakem, jgħasses fuq ix-xatt
Itenni l-għajta ta' l-iswar qadima:
Tkissruna tistgħu, 'ma tirbħuna qatt.

ĠORĠ PISANI